# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 670/21/1 FDP**

**Adrian Agius**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat;**

**L-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali**

1. Fl-24 ta' Frar, 2021, l-attur tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja flimkien ma' tliet ko-akkużati oħra, u ġie mixli, *inter alia,* bl-omiċidju ta' Carmel Chircop li seħħ fit-8 ta' Ottubru, 2015. Minn dak iż-żmien sal-preżentata ta' din il-kawża l-attur preżenta tliet rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja biex jitlob il-ħelsien mill-arrest iżda dawn ir-rikorsi kollha ġew

miċħuda u għalhekk l-attur għadu jinsab detenut. Waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri l-attur ressaq ukoll talba għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti Kriminali iżda din ukoll ġiet miċħuda. Permezz ta' din il-kawża l-attur jilmenta li qed isofri ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għall-libertà sanċit mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea primarjament għaliex it-talbiet tiegħu kienu qed jiġu miċħuda a bażi ta' allegata biża' ta' diżordni pubbliku li huwa kriterju li mhuwiex rikonoxxut fil-liġi Maltija u għaliex f'dan il-punt ma jistax jingħad li l-proċeduri għadhom fi stadju bikri peress li xehdu aktar minn mija u għoxrin xhud u b'mod partikolari ix-xhieda pajżana kollha.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom; U
>
> 2. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti; U
>
> 3. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skond il-liġi u ċirkostanzi tal-każ."

3. Id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali eċċepixxa, *inter alia,* li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur, li l-attur bl-ebda mod mhuwa qiegħed jattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu għal xi nuqqas jew aġir min-naħa tad-Direttur

konvenut li hu responsabbli biss għall-amministrazzjoni tal-aġenzija tal-Qorti u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tiegħu, li hu m'għandu l-ebda kontroll fuq il-proċeduri kriminali pendenti kontra l-attur u lanqas ma kien involut fil-kawża jew hu parti minnha, u li hu m'għandhux ir-rappreżentanza tal-Qrati.

4. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew, *inter alia,* li l-attur naqas milli jintavola rikors għall-ħelsien mill-arrest quddiem il-Qorti Kriminali qabel ma intavola din il-kawża u għalhekk huwa naqas milli jagħmel użu mir-rimedju ordinarju disponibbli lilu, li d-dritt għall-libertà mhuwiex assolut u għalhekk il-libertà ta' persuna tista' titneħħa meta l-arrest jew id-detenzjoni jkunu skont il-liġi u magħmulin sabiex persuna tkun miġjuba quddiem awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew biex jiġi evitat il-kommissjoni ta' reat jew li dik il-persuna taħrab, li d-dritt għall-ħelsien mill-arrest skont il-liġi mhuwiex awtomatiku u jiddependi fuq diversi kriterji li għandhom jiġu sodisfatti, li għalkemm id-diżordni pubbliku mhuwiex espliċitament indikat fil-liġi wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-lista provduta fl-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali mhijiex eżawrijenti iżda nklussiva kkonsidrat l-użu tal-frażijiet "iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" u "kull ħaġa oħra li tidher relevanti" li huma intiżi sabiex jagħtu lill-ġudikant il-fakultà li jevalwa l-każ fl-intier tiegħu, li din il-Qorti mhijiex Qorti tal-Appell u kwistjonijiet dwar il-libertà provviżorja ta' akkużat għandhom jiġu deċiżi esklussivament mill-qrati li għandhom

ġurisdizzjoni penali, li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja ċaħdet it-talbiet tal-attur permezz ta' deċiżjonijiet motivati u a bażi ta' raġunijiet oġġettivi, validi u suffiċjenti, li mhuwiex minnu li t-talbiet tal-attur ġew miċħuda unikament fuq il-possibilità li l-ħelsien mill-arrest tiegħu jista' jikkawża diżordni pubbliku, li d-digrieti tal-Qorti huma motivati u studjati bir-reqqa u l-Qorti kkonsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u kull ħaġa li kienet tidher relevanti u tat motivazzjoni ġustifikata, li l-Qorti kellha r-responsabbiltà li tikkonsidra l-interess pubbliku kif fil-fatt ġie kkonfermat f'kawża oħra mill-Qorti Kostituzzjonali, u li għalhekk m'hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attur għaliex id-detenzjoni tiegħu hija legalment ġustifikata.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-20 ta' Mejju, 2022, ġie deċiz hekk:

> "Il-Qorti,
>
> Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;
>
> Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti u l-Avukat tal-Istat;
>
> Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:
>
> Tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti,
>
> Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat, filwaqt illi;
>
> Tilqa' l-eċċezzjonjiet l-oħra fejn jirrigwardaw il-meritu tal-każ odjern, u għalhekk;
> Tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti kif dedotti.

> Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent, għajr għal dawk tal-Avukat Ġenerali illi għandhom jibqgħu a kariku tagħha."

6. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat u tirriformaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-mertu, u minflok tilqa' t-talbiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

7. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-22 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

8. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta ċaħdet it-talbiet tiegħu a bażi tal-allegat diżordni pubbliku. Jargumenta li dan il-kriterju ma jeżistix fil-liġi ta' Malta u għalhekk b'applikazzjoni tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit* talba għall-ħelsien mill-arrest ma tistax tiġi miċħuda a bażi ta' din ir-raġuni. Skont l-appellant l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti tmur kontra l-kunċett taċ-ċertezza legali u s-saltna tad-dritt għaliex peress li l-kriterju ta'

diżordni pubbliku ma jissemmix fil-liġi huwa qatt ma seta' jipprevedi li t-talbiet tiegħu kienu ser jiġu miċħuda fuq dan il-kriterju u minn dan isegwi li l-interpretazzjoni li saret tal-liġi mhijiex konformi mad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Iżid li fi kwalunke każ il-biża ta' diżordni pubbliku ma teżistix fil-każ tiegħu għaliex mhijiex ibbażata fuq fatti li kapaċi juru li l-ħelsien mill-arrest tiegħu effettivament jiddisturba l-ordni pubbliku.

9. L-attur jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huwa ma sofriex ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu in vista tal-gravità tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Jargumenta li għalkemm huwa minnu li huwa qiegħed jiġi akkużat b'omiċidju dan l-omiċidju allegatament ġie kommess aktar minn sitt snin ilu, u huma bosta dawk l-imputati li jinsabu meħlusin mill-arrest wara li ġew istitwiti proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom sabiex iwieġbu għal omiċidji li seħħew wara l-2015. Isostni li l-gravità tal-akkużi jew sejra tintuża għal kull persuna akkużata b'omiċidju l-istess jew ma tintużax għaliex altrimenti tkun qed issir inġustizzja kif fil-fatt qiegħed isir f'dan il-każ. Iżid li mhuwiex ġust li l-proċeduri li qiegħed jaffaċja jiġu kontinwament ikkomparati mal-akkużi li qiegħdin jaffaċċjaw dawk li jinsabu mixlija bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għaliex l-Avukat Ġenerali għoġobha tixlih flimkien ma' Robert Agius u Jamie Vella meta hu qatt u fl-ebda stadju ma ġie mplikat fil-qtil ta' Caruana Galizia. Jargumenta li mhuwiex ġust li l-

Qrati qed jistennew li jkun hu li jiġġustifika l-ħelsien mill-arrest tiegħu għaliex huwa l-Istat li jrid juri li hemm raġunijiet relevanti u suffiċjenti li jiġġustifikaw id-detenzjoni kontinwata tiegħu.

10. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jwieġbu li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, il-leġislatur kien għaqli ħafna fit-tfassil tal-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali billi stabbilixxa d-dover tal-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u kull ħaġa oħra li tkun tidher relevanti meta jkollha talba għall-ħelsien mill-arrest, u għalhekk m'hemmx lista eżawrijenti ta' kriterji kif jissuġġerixxi l-appellant. Jargumenta li huwa xieraq li kull każ jitqies fil-kuntest u ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu u dan qatt ma jista' jsir jekk il-Qrati jintrabtu b'fatturi limitati. Isostnu li l-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali jakkorda diskrezzjoni ampja lil qrati penali fl-evalwazzjoni tagħhom dwar jekk l-akkużat jimmeritax li jingħata l-ħelsien mill-arrest, u l-użu tal-kelma "oħra" pależement u neċessarjament tfisser li l-ħaġa li trid tikkonsidra l-Qorti ma tikkwalifikax kweżit eżistenti iżda toħloq kweżit ġdid, separat, distint u awtonomu, u kieku ma kienx hekk ma kien hemm l-ebda raġuni oħra għalfejn il-liġi tinkludi l-kelma "oħra." Jgħid li għalhekk huwa żbaljat l-argument tal-appellant li l-użu tal-kriterju tad-diżordni pubbliku joħloq inċertezza legali għaliex anke jekk mhux fattur espressament indikat fl-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali ċertament huwa fattur li għandu jitqies minn kwalunke Qorti li jkollha talba għall-ħelsien mill-arrest quddiemha. Fir-rigward tal-argument tal-appellant li fi

kwalunke każ din il-biża' ma teżistix fil-każ tiegħu, jargumenta li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li sservi bħala Qorti tal-appell sempliċiment għaliex l-appellant ma rnexxielux jottjeni dak li talab bl-użu tar-rimedju ordinarju, u dak li effettivament qiegħed jipproponi huwa li din il-Qorti tużurpa l-funzjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Iżid li fi kwalunke każ il-proċeduri kriminali stitwiti kontra l-appellant huma biss waħda minn sensiela ta' kawżi oħra li jirrigwardaw attività kriminali fuq skala bla preċedent u l-effett ta' dawn il-kawżi fuq it-tessut soċjali ta' Malta huwa notorju u għalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-għoti tal-ħelsien mill-arrest lill-appellant iwassal għal diżordni pubbliku.

11. L-appellati jargumentaw li l-appellant qiegħed jipprova jxejjen u jċekken l-akkużi serjissimi li saru fil-konfront tiegħu u jinjora għal kollox iċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu. Jargumentaw li t-trapass taż-żmien ma jagħmilx l-akkuża ta' omiċidju volontarju anqas serja u l-fatt li persuni oħra akkużati b'omiċidju ngħataw il-ħelsien mill-arrest huwa rrelevanti u apparti minn hekk il-paragun huwa odjuż. Isostnu li l-appellant jinsa li sitt snin wara li seħħ l-omiċidju tal-Avukat Chircop setgħu jittieħdu passi kontra l-appellant proprju għaliex Vincent Muscat ammetta l-involviment tiegħu fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u ngħata l-maħfra presidenzjali biex ikun jista' jixhed dwar l-involviment tiegħu fil-qtil tal-Avukat Chircop. Jargumentaw li l-fatt li l-appellant mhuwiex qiegħed jiġi mixli bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ma jbiddel xejn mill-fatt li l-

appellant allegatament ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja u allegatament huwa parti minn ċirku kriminali u xejn ma jbiddel mill-fatt li l-allegati attivitajiet ta' dan iċ-ċirku kriminali werwru pajjiż u l-eku tal-allegati attivitajiet tiegħu wasal mal-erbat' irjieħ tad-dinja. Jgħidu li dan juri li dan mhuwiex każ normali iżda anzi huwa każ mill-aktar gravi u għalhekk dan il-fattur qatt m'għandu jiġi skartat. Jargumentaw ukoll li minkejja dan, iċ-ċaħdiet tar-rikors tal-appellant qatt ma kienu bbażati unikament fuq il-gravità taċ-ċirkostanzi għaliex il-Qorti dejjem qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tat deċiżjoni motivata u bbażata fuq analiżi dettaljata u raġonevoli taċ-ċirkostanzi tal-każ.

12. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "40. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati jagħmlu referenza ampja għall ġurisprudenza, kemm nostrana kif ukoll tal-EcHR, b'referenza għal-prinċipju tal-ħelsien mill-arrest u l-limitazzjonijiet aċċettabbli in konnessjoni mal-għoti u ċaħda ta' tali ħelsien.
>
> 41. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, fit-tliet istanzi fejn ċaħdet it-talba għal ħelsien mill-arrest, daħlet fir-reqqa fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn anke għamlet referenza għad-deċiżjoni ta' l-istess qorti f'kawża relatata ma' proċeduri lokali, ossija dik ta' Yorgen Fenech deċiża mill-EcHR fit 23 ta' Marzu 2021.
>
> 42. Il-Qorti tirrileva illi ilment bħal dak imqajjem mir-rikorrent, reċentement ġie imqajjem f'varji qrati oħra nostrani fi proċeduri oħra kontra persuni oħra, uħud minnhom konnessi mar-rikorrent stess, u uħud minnhom in konnessjoni ma' reat simili għal dak li tiegħu jinsab akkużat ir-rikorrent, u li għalih jinsabu akkużati persuni allegatament konnessi mar-rikorrent stess.
>
> 43. Fil-kawża 'Alfred Degiorgio et vs l-Avukat tal-Istat', deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru 2021, dwar deċiżjoni ta' ċaħda għal ħelsien mill-arrest fuq akkużi ta' attivita' kriminali simili għal dawk imputati fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti kellha dan xi tgħid: Fiċ-

ċirkostanzi l-Qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li f'każ bħal dan fejn si tratta ta' attivita` kriminali fuq din l-iskala, ir-riskju li jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest isir xi forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor hu reali u għoli (ara per eżempju sentenza tal-QEDB Podeschi v. San Marino tat-13 ta' April 2017, paragrafu 149). Il-Qorti tagħraf li perjodu ta' detenzjoni ta' kważi erba' snin hu konsiderevoli. Pero` f'każ bħal dan sal-lum l-interess pubbliku jitlob li l-appellanti jibqgħu detenuti, b'dan li l-Avukat Ġenerali u l-qorti kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom li wkoll fl-interess ġenerali dan il-każ jingħata l-prijorita` li hemm bżonn li jingħata. Każijiet ta' din l-iskala u serjeta`, li bħalu hemm oħrajn pendenti, ikomplu jikkonfermaw kemm hemm bżonn li l-Gvern jagħti ħafna iktar riżorsi lill-qrati sabiex il-ġustizzja tkun tista' ssir fi żmien raġonevoli fl-interess ġenerali wkoll. Dan apparti li l-proċedura ta' kif isiru dawn it-tip ta' każijiet u oħrajn quddiem il-qrati kriminali hi antikwata u twassal għal dewmien bla bżonn. Hemm bżonn li l-leġislatur jieqaf ikaxkar saqajh dwar din il-materja u jintroduċi emendi radikali. L-esiġenzi tas-soċjeta` tal-lum huma ferm differenti minn dawk tal-passat, u l-proċedura li għad għandna m'hijiex adegwata.

44. Fil-kawża 'Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat et' deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali fis-27 ta' April 2022, dwar ilment simili għal dak tar-rikorrent dwar "public disorder u interess pubbliku", il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar argumentazzjoni simili għal dik ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent:

Verament in kwantu hawn titratta l-liberta' ta' persuna, l-Qrati iridu jkunu kawti f'dak li jimilita kontra. Pero' il-kelma tal-liġi tagħti lok għal kunsiderazzjonijiet oħra lill-Qorti tista' tagħmel meta tkun qed teżamina t-talba għal ħelsien mill-arrest bl-użu tal-kliem ' "... kull xi ħaga oħra li tidher li hi rilevanti" u li tagħtiha sodisfazzjon li jekk l-imputat jiġi meħlus mill-arrest ma jiġux riskontrati l-perikli ennuċjati fis-sub paragrafi (a) sa (e) ta' l-artikolu 575(1). Ma din il-kunsiderazzjoni l-Qorti iżid li qajla wieħed jista' jaħrab ukoll, u dan dejjem marbut mal-kelma tal-liġi riflessa fl-artikolu in eżami, illi fl-istess hemm provdut li l-Qorti għandha tara ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex tgħaddi għad-digriet tagħha.

45. Dik l-istess Qorti kompliet tgħid hekk dwar tali kwistjoni:

... il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Letellier vs France u Tomasi vs France u oħrajn in materja ukoll msemmija mill-partijiet. Il-Qorti hija konxja tal-fatt lil-liġi kriminali Franċiża għandha dan ir-rekwiżit t'ordni pubbliku stipulat fl-Artikolu 144 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għal għoti għal ħelsien mill-arrest, a contrario tal-liġi domestika tagħna, pero' tibqa' tal-fehma illi tali kunsiderazzjoni t'ordni pubbliku u interess pubbliku jsib konfort kif ingħad fis-sentenza ta' ftuħ ta' l-artikolu 575 tal-Kap 9, għalkemm kif għamlu l-Qrati tagħna fid-digrieti imsemmija, tali kunsiderazzjoni ma' tista qatt tkun mogħtija n iżolazzjoni mingħajr kunsiderazzjoni t'elementi oħra stipulati fl-imsemmi artikolu.

(sottolinjar ta' dina l-Qorti) 46. Din il-Qorti, filwaqt ili tabbraċċja l-veduti u tagħlim espress mill-Qrati kif fuq kkwotati, tirrileva illi fit-tliet digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmija, partikolarment flaħħar digriet tagħha, ossija dak tat-23 ta' Awissu 2021, dik il-Qorti, waqt illi kienet qiegħda tagħmel il-konsiderazzjonijet tagħha u għamlet referenza għall-prinċipju ta' "public disorder" enunċjat fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, u li abbażi tiegħu r-rikorrent qiegħed jilmenta ksur, għamlitha ċara illi d-deċiżjoni tagħha li wassal għar-rifjut tal-ħelsien mill-arrest ma kienx ibbażat unikament fuq l-argument ta' "public disorder", iżda abbinat tali kunċett wkoll ma' elementi oħra, fosthom il-gravita' tar-reat illi dwaru jinsab akkużat ir-rikorrent.

47. Din il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi, abbażi tal-akkużi kif elenkati fl-imputazzjoniijet miġjuba kontra r-rikorrent u eżebiti fl-atti odjerni, ir-rikorrent, mhux biss qiegħed jiġi akkużat talli kien involut fil-qtil kiesaħ u biered ta' l-Avukat Carmel Chircop u dan billi, fost affarjiet oħra, ta' istruzzjonijet sabiex dana jseħħ, iżda talli huwa kkostitwixxa, organizza u iffinanzja għaqda kriminali bil-ħsieb illi jikkommetti reati kriminali, fosthom dak tal-qtil ta' Dr Carmel Chircop, liema reat, kif irrilevat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fuq riferuta, hija ta' gravita' tali li ċertament, kellha twassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest.

48. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għal dak ikkontemplat fl-Artikolu 575 tal-Kap 9, fejn jingħad illi: il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevant, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-impitat jekk jiġi meħlus mill-arrest:-

(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew

(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew

(c) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilhaxieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew

(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew

(e) jikkommetti xi reat ieħor.

49. Il-Qorti, hekk kif fliet fir-reqqa t-tliet digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati, partikolarment l-aħħar wieħed, li jidher li wassal ir-rikorrent sabiex jintavola l-proċeduri odjerni, jidher ċar illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, il-Qorti tal-Maġistrati ma ċaħditx it-talba għall-ħelsien tal-arrest unikament fuq il-bażi ta' "public disorder", iżda ċaħdet tali talba

abbażi tal-gravita tar-reat abbinat mal-element ta' "public disorder" illi l-ħelsien tar-rikorrent seta jwassal f'każ illi jingħata l-ħelsien mill-arrest.

50. Il-Qorti tosserva illi, abbażi tal-Artikolu 575 (1) kif fuq riprodott, il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull jedd illi tqis "kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti", foshom l-element ta' "public disorder" li dwarha tant jilmenta r-rikorrent u li abbażi tagħha huwa intavola tali rikjesta.

51. Il-Qorti tisħaq li, kif osservat korrettement il-Qorti tal-Maġistrati fil-varji digrieti tagħha, il-jedd għal ħelsien mill-arrest ma huwiex jedd awtomatiku għar-rikorrent, iżda dana għandu jkun soġġett għall-garanziji kif fuq riprodotti, u ħadd aħjar mill-Qorti tal-Maġistrati ma huwa f'posizzjoni illi jivvaluta jekk dawk il-garanziji humiex ser jiġu ppreġudikati jew le f'każ ta' ħelsien mill-arrest.

52. Il-gravita' tal-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent huma tali illi ċertament kwalsiasi Qorti għandha tqis b'mod kawt u ċirkospett iċ-ċirkostanzi kollha indikati fl-Artikolu 575, bir-riżultat illi, kwalsiasi rifjut da' parte ta' tali Qorti ma jista' qatt jitqies bħala illi r-rikorrent qiegħed jiġi pprivat mill-liberta personali tiegħu bi ksur tal-Kostituzzjoni w il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda semmai għandu jitqies bħala eċerċizzju tal-obbligu illi l-Qrati għandhom lejn is-soċjeta' in Ġenerali illi jipproteġu l-interess pubbliku, li huwa l-obbligu prinċipali illi l-Qrati għandhom lejn kull ċittadin Malti, inkluż ir-rikorrent, liema interess pubbliku, mill-atti eżaminati mill-Qorti, jidher ċar li huwa rilevanti u suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-indħil fid-dritt tal-ħelsien personali tar-rikorrent.

53. Fil-każ odjern, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, in vista tal-gravita' tal-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent, l-aġir tal-Avukat Ġenerali u tal-Avukat tal-Istat ma seta' wassal qatt għal ebda leżjoni tad-drittijiet ta' liberta personali tar-rikorrent, u għalhekk, it-talba tar-rikorrent, kif dedotta, ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment stante illi r-rikorrent Adrian Agius ma sofra ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali abbażi tah l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

13. Din hija kawża intavolata mill-appellant li qiegħed jilmenta li sofra ksur tad-dritt tiegħu għall-libertà għaliex kull talba għall-ħelsien mill-arrest li ressaq s'issa dejjem ġew miċħuda, u għalhekk issa ilu miżmum arrestat

mill-24 ta' Frar, 2021. Skont l-appellant il-Qrati kienu żbaljati meta sejsu ċ-ċaħdiet tat-talbiet tiegħu fuq biża' li l-ħelsien mill-arrest tiegħu jista' jikkawża diżordni pubbliku għaliex dan il-kriterju mhuwiex rikonoxxut fil-liġi Maltija, u jsostni li m'hemm l-ebda raġuni li tiġġustifika d-detenzjoni kontinwata tiegħu.

14. Wara li rat id-digrieti li bihom ġew miċħuda t-talbiet tal-appellant għall-ħelsien mill-arrest, jirriżulta lil din il-Qorti li d-digrieti relattivi kienu dejjem ben motivati u dettaljati u dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-mod kif kienet qed tevolvi l-kawża kontra l-appellant u l-ġurisprudenza fuq il-materja. Fil-fatt l-appellant stess mhuwiex qed jilmenta mill-kwalità tad-digrieti in kwistjoni, iżda biss dwar ir-raġunijiet li ġew mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali meta ċaħdu t-talbiet tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi peress li dawn il-qrati mhumiex qrati tat-tielet jew raba' grad, l-iskop tal-eżami magħmul f'din il-kawża ma jistax ikun li tiġi riveduta l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi u l-eżami tal-provi magħmul mill-qrati ordinarji. Il-kompitu tal-Ewwel Qorti, bħalma huwa dak ta' din il-Qorti, huwa li jiġi determinat jekk id-deċiżjonijiet tal-qrati ordinarji kinux arbitrarji u jekk il-qrati ordinarji żammewx bilanċ ġust bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tal-appellant, b'mod partikolari billi sejsu d-deċiżjonijiet tagħhom fuq raġunijiet li huma relevanti u suffiċjenti biex jiġġustifikaw id-detenzjoni kontinwata tal-appellant.

15. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellati li l-appellant qiegħed jimminimizza l-estent u l-gravità tal-offiżi li bihom jinsab mixli. Fil-fatt l-appellant jagħmel referenza biss għall-fatt li hu ġie mixli b'involviment fil-qtil tal-Avukat Carmel Chircop, u donnu jinsa li apparti din l-akkuża huwa qiegħed jaffaċċja akkużi oħra li jirrigwardaw il-promozzjoni, kostituzzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' organizazzjoni kriminali u parteċipazzjoni attiva f'tali organizazzjoni, u dan oltre li ġie mixli bħala reċediv. Għalhekk l-appellant huwa żbaljat meta jikkompara l-każ tiegħu ma' xi każ ieħor fejn skont hu ngħatat libertà provviżorja minkejja li l-akkużat kien jinsab mixli b'omiċidju. L-ewwel nett il-paragun huwa odjuż, u dan partikolarment meta l-appellant ma ressaq ebda prova fir-rigward ta' din l-allegazzjoni tiegħu li turi li verament kien hemm xi trattament diskriminatorju, ilment li fi kwalunke każ lanqas biss ressaq. Inoltre, huwa ċar li l-każ kriminali kontra l-appellant jitratta (i) omiċidju premeditat li allegatament ġie kommess billi l-vittma, li ma kienx armat, intlaqat mill-qrib b'diversi tiri ta' pistola li ġiet magħżula speċifikatament biex ma tħalliex skrataċ fuq il-post sabiex ma jkunx hemm evidenza kontra dawk li kkommettew l-omiċidju u (ii) offiżi serjissimi relatati ma' kriminalità organizzata. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, kawżi li jirrigwardaw organizzazzjonijiet kriminali "…*by definition present*[..] *more difficulties for the investigating authorities, and later for the courts, in relation to determining the facts and the degree of responsibility of each member of the group. It is obvious that, in cases of*

*this kind, continuous control and limitation of the defendants' contact with each other and with other persons may be essential to avoid their absconding, tampering with evidence and, most importantly, influencing or even threatening witnesses*."[1]

16. Dwar l-ilment tal-appellant li l-proċeduri li qiegħed jaffaċċja qiegħdin kontinwament jiġu kkomparati mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa kemmxejn irrelevanti kkonsidrat li la l-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali u lanqas l-Ewwel Qorti ma ekwiparaw il-każ tiegħu mal-każ tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Dwar l-argument imbagħad tal-appellant relattiv għall-kwistjoni tad-diżordni pubbliku, il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali ma kinux proprjament imsejsin fuq il-kwistjoni tad-diżordni pubbliku iżda aktar fuq il-gravità tar-reati li bihom l-appellant jinsab mixli. Minn qari tad-digrieti relattivi jirriżulta li din il-konsiderazzjoni hija korretta peress li għalkemm il-kwistjoni ta' diżordni pubbliku ssemmiet huwa ċar li d-deċiżjonijiet tal-Qorti ma kinux imsejsin fuq din il-kwistjoni.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appellant ma ressaq l-ebda argument li huwa suffiċjenti sabiex din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament li għamlet tal-każ.

---

[1] **Štvrtecký v. Slovakia** (QEDB, 05/06/2018). Ara wkoll: **Podeschi v. San Marino** (QEDB, 13/04/2017)

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da